# Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsa

## Minuti

## L-Għaxar Leġislatura

## Laqgħa numru 27

**17:00 pm 10 ta' Diċembru 2025**

**Preżenti**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Luke Farrugia | Sindku |
| Is-Sur Josef Azzopardi | Viċi Sindku |
| Is-Sinjura Gloria Aquilina | Kunsillier |
| Is-Sur Joseph Scerri | Kunsillier |
| Is-Sur Domenic Spencer | Kunsillier |
| Is-Sur Joseph Cachia | Kunsillier |

**Assenti b'Apoloġija**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Anthony Meilak | Kunsillier |

**Assenti**

Ħadt

**Ufficċjal Preżenti**

Roderick Ebejer - Segretarju Eżekuttiv

Sindku Luke Farrugia, Viċi Sindku Josef Azzopardi, Kunsilliera Gloria Aquilina, Joseph Scerri ,Dominic Spencer, Joseph Cachia, Anthony Meilak

Segretarju Eżekuttiv: Roderick Ebejer

Kunsill Lokali Marsa, Pont San Tumas, Marsa
*Email: marsa.lc@gov.mt* *Tel: 21220522 / 21224877*

**Is-Sindku Luke Farrugia fetaħ il-laqgħa fil-ħamsa u tnax il-minuta ta' filgħaxija (17:12pm).**

**27.1 Qari tal-ittri t'apoloġija;**

Is-Sindku, Sur Luke Farrugia, informa lill-Kunsill li rċieva ittra ta' apoloġija mingħand il-Kunsillier, Sur Anthony Meilaq.

**27.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.**

**Is-Sindku Luke Farrugia ppreżenta Minuti 26, liema minuti kienu ċċirkolati permezz ta' posta elettronika u meħuda bħala moqrija.**

Il-Viċi Sindku, is-Sur Josef Azzopardi, ssekondat mill-Kunsillier Dominic Spencer, talab korrezzjoni tal-Minuti.

**Is-Sindku ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti kif korretti. Il-Viċi Sindku ssekonda.**

**Erba' (4) membri approvaw il-Minuti kif korretti, filwaqt li membru wieħed (1), l-Kunsillier Dominic Spencer, ivvota kontra.**

**Minuti Nru 26 ġew approvati.**

**27.2 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

27.2.1 Is-Sindku, is-Sur Luke Farrugia, informa lill-membri tal-Kunsill li l-attività tas-6 ta' Diċembru, organizzata mis-Segretarjat għaż-Żgħażagħ, Riċerka u Innovazzjoni b'kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali , kienet ġiet ikkanċellata minħabba raġunijiet tekniċi. Għaldaqstant, il-Kunsill ġie informat waqt il-laqgħa tal-Kunsill, peress li ma kienx hemm perjodu twil bejn id-data tal-attività u l-laqgħa tal-Kunsill.

**27.2.2** Is-Sindku, is-Sur Luke Farrugia, għamel referenza għall-korrispondenza li l-Kunsill irċieva mingħand resident, kif ukoll għal follow-up mingħand Transport Malta, li fih ġie ssuġġerit li jiġu nstallati tabelli 'Parking for Residents' fi Spencer Hill, minħabba li l-parkeġġ eżistenti qed jittieħed mill-ħaddiema li jaħdmu fil-lokalita, bil-konsegwenza li r-residenti mhux ikollhom fejn jipparkjaw.

**Wara diskussjoni bejn il-membri, ġie deċiż unanimament li tali talba ma tistax tiġi kkunsidrata minħabba li l-liġi hija ċara dwar l-ipparkjar ta' vetturi kummerċjali, fejn skont il-liġi dawn għandhom jiġu ggaraxxjati wara nżul ix-xemx, ġie maqbul ssuġġerit li jsir rapport lill- Pulizija tad-Distrett sabiex tiżdied is-sorvejnza sabiex jiġi żgurat l-osservanza tal-liġi.**

27.2.3 Is-Sindku, is-Sur Luke Farrugia, informa lill-membri tal-Kunsill li Marsa Football Club qed jistaqsu lill-Kunsill jekk hemmx interess li jitpoġġa l-logo tal-Kunsill fuq il-banner li ser tintuża waqt l-attività li se tkun organizzata nhar l-20 ta' Diċembru 2025 ġewwa l-Euroclub.

**Wara li ġiet imressqa mozzjoni mis-Sindku u s-sekondat mill-Viċi Sindku, is-Sur Josef Azzopardi, il-Kunsill qabel unanimament li jitpoġġa l-logo tal-Kunsill fuq il-banner, b'prezz ta' €300, waqt l-attività tal-Marsa Football Club li ser issir nhar l-20 ta' Diċembru 2025.**

**27.2.4** Is-Sindku, is-Sur Luke Farrugia, informa lill-membri li waslet korrispondenza mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali dwar organizzar ta' lezzjonijiet tal-banda mill-FES flimkien mal-Għaqda Nazzjonali Każini tal-Baned ~~,~~ għat-tfal li jattendu l-Klabb 3-16.. L-Għaqda ħarġet espressjoni ta' interess għall-Każini tal-Banded li jixtiequ jipparteċipaw, u l-Kunsilli li se jieħdu sehem ser jingħataw allokazzjoni addizzjonali mid-Diviżjoni.

**Is-Sindku, Luke Farrugia talab vot għal din il-proposta.**

**Ivvutaw favur ħames (5) membri preżenti.**

**Ħadd ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda astensjoni.**

27.2.5 Il-Kunsillier Dominic Spencer, ressaq għall-attenzjoni u l-approvazzjoni tal- membri stima ta' €550, għal servizz ta' għana Maltija mill-kantanta Mariele Zammit akkumpanjata minn kitarist, għal waqt il-ftuħ uffiċjali tal-wirja tal-presepji nhar l-14 ta' Diċembru 2025.

**Il-Viċi Sindku, is-Sur Josef Azzopardi, issekonda l-istima.**

**Ivvutaw favur erba' (4) membri preżenti . Ħadd ma vvota kontra. Żewġ (2) membri, s-Sindku u l-Kunsillier is-Sur Joseph Cachia, astjenew.**

**L-istima ġiet approvata.**

27.2.6 Is-Sindku, is-Sur Luke Farrugia, informa lill-membri tal-Kunsill li St John Ambulance qed jitolbu lill-Kunsill sabiex jipprovdi post fil-lokalità fejn jitpoġġa l-*Mobile Treatment Centre Truck* għal perjodu ta' erba' ġimgħat. Dan huwa proġett iffinanzjat mill-UE sabiex jiġu offruti testijiet b'xejn għas-saħħa sesswali, konsulenza kunfidenzjali u servizzi ta għarfien dwar is-saħħa ġenerali.

Wara diskussjoni bejn il-membri ġie ppropost u approvat li l-Kunsill japprova li l- l-Mobile Treatment Unit truck jitpoġġa fi Triq Azzopardi, fejn Sala ta' Marija Regina, kif ukoll fi Triq is-Salib tal-Marsa, fejn il-Knisja' Parrokkjali ta Trinita' Qaddisa.



Kunsill Lokali Marsa, Pont San Tumas, Marsa
*Email: marsa.lc@gov.mt* *Tel: 21220522 / 21224877*

27.2.7 Is-Sindku, is-Sur Luke Farrugia, informa lill-membri tal-Kunsill li St Michael's Football Club ser jorganizzaw wirja tal-presepji bejn it-12 ta' Diċembru 2025 u s-6 ta' Jannar 2026, u qed jistaqsu lill-Kunsill jekk hemmx interess li jitpoġġa l-logo tal-Kunsill fuq il-poster b'prezz ta' €300.

**Il-Kunsill approva unanimament din il-proposta għall-ispiża ta'€ 300.**

27.2.8 Is-Sindku, is-Sur Luke Farrugia, informa lill-membri tal-Kunsill li l-Għaqda Storika Kulturali Marsa esprimiet id-diżappunt tagħha rigward il-fatt li l-Kunsill tal-Marsa tneħħa mir-Reġjun Port u, min-naħa tal-Kunsill, ma ntweriex interess u ma ġiet aċċettata din l-għażla. L-Għaqda wriet id-diżappunt tagħha wkoll lill-Uffiċċju tal-Ministru kif ukoll lill-Uffiċċju tal-Prim Ministru, u intalab sabiex issir laqgħa magħhom.

Il-Kunsillier s-Sur Domenic Spencer, propona li l-Għaqda Storika Kulturali Marsa tiġi infurmata b'korrezzjoni li f'Kunsilli preċedenti l-membri tal-Kunsill kienu wrew id-diżappunt tagħhom f'laqgħat ma' dipartimenti konċernati dwar il-fatt li l-Marsa għandha tiġi eliminata mir-Reġjun Nofsinhar u tingħaqad mar-Reġjun Port, peress li ġeografikament il-Marsa tinsab ġewwa l-port u l-isem tagħha jirrifletti dan.

**27.3 Tweġibiet għall- mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

27.3.1 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer talab lis-Sindku jikkonferma jekk il-kuntrattur responsabbli mit-tiżjin tad-dawl tal-Milied bgħattx ittra lill-Kunsill. Is-Sindku kkonferma li ntbagħtet email u jħoss li għandu jivverifika l-kontenut tal-ittra qabel iressaqha għall-attenzjoni tal-membri. Il-Kunsillier Dominic Spencer ġibed l-attenzjoni li kull korrispondenza għandha tittella' għall-attenzjoni tal-membri, issa jekk is-Sindku jħoss li tali korrispondenza m'għandhix tiġi diskussa sabiex issir verifika, għandu kull dritt, iżda mhux ma titlax għall-attenzjoni tal-membri

27.3.2 Il-Viċi Sindku, is-Sur Josef Azzopardi, staqsa lis-Sindku jekk hemmx aġġornamenti rigward il-mistoqsija li kien staqsa fil-laqgħa preċedenti tal-Kunsill, dwar jekk is-sistema tad-dawl tal-proġett hux se tiġi nkorporata mas-sistema tad-dawl ta' Triq is-Salib tal-Marsa, taħt ir-responsabbiltà tal-Enemalta.

**Is-Sindku nfurma li sal-ħin tal-laqgħa ma kienx irċieva risposta u ser ikun qed jintbagħat *reminder* bil-għan li jkun hemm risposta sas-Seduta li jmiss**.

Il-Viċi Sindku nfurma li qabel ma daħal għal-laqgħa tal-Kunsill, kien hemm resident minn Triq is-Sajjieda li esprima nkonvenjenza kbira minħabba l-proġett li qed isir fit-triq msemmija. Il-Viċi Sindku ġibed l-attenzjoni li l-ħsieb tar-residenti huwa li jekk jagħmel il-maltemp dawn se jispiċċaw mgħerrqa.

**Is-Sindku informa li, bi tweġiba għall-intervent tal-Viċi Sindku, r-residenti kienu tal-fehma li l-proġett ippjanat kien se jsolvi l-problema tad-drenaġġ. Għaldaqstant intbagħtet ittra lir-residenti u saret laqgħa fuq il-post, qabel il-bidu tal-proġett, fejn il-Public Works ipprovdew informazzjoni dwar is-sistema tal-ilmijiet tax-xita fi Triq is-Sajjieda. Ir-residenti ġew infurmati li x-xogħlijiet se jdumu 24 ġimgħa. Il-Viċi Sindku Josef Azzopardi ġibed l-attenzjoni li t-triq m'għadhiex tegħreq. Il-Kunsillier Joe Scerri sostna li l-problema fi Triq is-Sajjied mhix marbuta mal-ilmijiet tax-xita, iżda mal-ventilazzjoni tal-irwejjaħ tad-drenaġġ. Is-Sindku informa li, skont il-Perit tal-Public Works, din il-kwistjoni tista' tiġi solvuta permezz tal-proġett.**

*27.3.3* Il-Kunsillier is-Sur Joseph Cachia staqsa lis-Sindku meta se jkun qed jiltaqa l-Kumitat tal-Finanzi tal-Kunsill, u min ser qed ikun jaghti id-direzzjoni ta' kif għandom jitmexxew il-finanzi.

Is-Sindku nfurma li fil-kumitat tal-finanzi hemm l-Accountant tal-Kunsill u li ser ikun qed jagħti direzzjoni ta' kif għandom jintefqu il-finanzi tal-Kunsill u l-kumitat ser jiltaqa fil-bidu tas-sena 2026 u jittieħdu il-minuti sabiex jiġu preżentati lill Membri tal-Kunsill waqt il-laqgħa tal-Kunsill.

**27.3.4** Il-Kunsillier is-sur Joseph Cachia saqsa li fi Triq il-Jum hemm passaġġ sabiex jitnaddaf.

**Is-Sindku informa li ser ikun qed jieħu nota sabiex jinforma id-dipartiment tal - Cleansing sabiex issir tindif tal-passaġġ.**

**27.3.5** Il-Kunsilliera s-Sinjura Gloria Aquilina staqsiet kif se jkunu qed isiru l-mistoqsijiet tal-Kunsilliera, wara li ntbagħat imejl mis-Segretarju Eżekuttiv b'link mill-ANSEK li kien jinkludi filmat li jispjega kif għandhom isiru l-mistoqsijiet tal-Kunsilliera għall-laqgħat tal-Kunsill.

**Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li kull meta jkun hemm mistoqsija li teħtieġ riċerka, din għandha tintbagħat lill-uffiċċju tal-amministrazzjoni minn qabel, sabiex sal-laqgħa tal-Kunsill tkun tista' tinġabar l-informazzjoni meħtieġa u l-mistoqsija tkun tista' tiġi mwieġba.**

27.3.6 Il-Kunsilliera s-Sinjura Gloria Aquilina staqsiet meta Triq il-Kappuċċini, li kienet infetħet temporanjament, se terġa' tiġi kif kienet qabel ma nfetħet.

**Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li Triq il-Kappuċċini hija triq privata u li l-Kunsill m'għandu l-ebda setgħa jieħu azzjoni dwarha.**

27.3.7 Il-Kunsilliera s-Sinjura Gloria Aquilina staqsiet dwar traffic lights fi Triq Diċembru 13 li bħalissa huma bla użu minħabba li ġiet installata fence, u jekk il-Kunsill jistax jistaqsi lid-dipartiment ikkonċernat jekk jistgħux jitneħħew jew il-fence jew it-traffic lights.

**Is-Sindku informa lill-Kunsilliera Gloria Aquilina li t-traffic lights kienu installati sabiex jagħtu ċans lill-karozzi li ħerġin minn Triq Jean De La Cassiere joħorġu lejn it-triq prinċipali ta' Diċembru 13 peress li Triq traffikuża. Għaldaqstant, informa li se jerġa' jsir kuntatt mad-dipartiment ikkonċernat għall-gwida min-naħa tagħhom u terġa issir talba biex jitneħħa il-fence tal-ħadid li kien installat.**

27.3.8 Il-Kunsilliera s-Sinjura Gloria Aquilina staqsiet dwar il-bus stop Stallell numru 432 u jekk il-Kunsill jistax jikkuntattja lid-dipartiment ikkonċernat biex jiġi organizzat traffiku adegwat, sabiex persuni li jużaw dan il-bus stop ikunu jistgħu jaqsmu għan-naħa l-oħra tat-triq, peress li bħalissa m'hemmx aċċess.

**Is-Sindku nforma li jaqbel mal-punt propost u li se tkun qed tintbagħat imejl lid-dipartiment ikkonċernat dwar din il-proposta.**

27.3.9 Il-Kunsillier Sur Dominic Spencer staqsa dwar it-Team tal-Cricket li ippubblika l-logo tal-Kunsill fuq il-gear tagħhom.

**Is-Sindku informa lill-Kunsillier Dominic Spencer li kien hemm approvazzjoni mill-Kunsill f'laqgħat preċedenti.**

27.3.10 Il-Kunsillier Sur Dominic Spencer staqsa jekk fl-attività ta' 6 ta' Diċembru, li kellha ssir mis-Segretarjat għaż-Żgħażagħ, Riċerka u Innovazzjoni, kien hemm xi ħlas involut li l-Kunsill kien meqjus li għandu jħallas.

**Is-Sindku informa lill-Kunsillier Dominic Spencer li l-Kunsill li ma sar ebda ħlas relatat ma' din l-attività.**

27.3.11 Il-Kunsillier Sur Dominic Spencer staqsa jekk il-kariga ta' Minority Leaader hiex meqjusa bħala kariga fil-Kunsill jew m'hijiex meqjusa bħala kariga.

**Is-Sindku informa lill-Kunsillier Dominic Spencer li se jkun qed jiċċekkja u jwieġeb il-mistoqsija fil-laqgħa li jmiss tal-Kunsill.**

27.3.12 Il-Kunsillier Sur Dominic Spencer staqsa dwar ir-raġuni għaliex id-dawl tal-Milied ma mexiex mat-tender u jekk ir-raġuni kienet dik li s-Sindku kien wieġeb lill-Kunsilliera Gloria Aquilina, li ma nxtgħelx minħabba konsiderazzjonijiet ta' Health and Safety, u min kien il-persuna li tat id-direzzjoni li ma jinxtgħelx minħabba raġunijiet ta' Health and Safety.

**Is-Sindku informa lill-Kunsillier Dominic Spencer li se tintbagħat imejl sabiex tingħata giustifikazzjoni rigward il-fatt li d-dawl ma nxtegħelx fi żmien stipulat, hekk kif kien imniżżel fit-tender.**

27.3.13 Il-Viċi Sindku, Sur Josef Azzopardi, staqsa x'ser isir mix-xelter ta' Triq is-Salib tal-Marsa, wara li kien iċċekkja mal-GHRC li dan l-istess xelter ser ikun qiegħed jgħaddi f'idejn il-Kunsill. Għalhekk, staqsa jekk il-GHRC jista' jagħti lill-Kunsill informazzjoni dwar il-kobor u l-qisien tal-istess xelter u, forsi, xi pjanti.

**Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb lill-Viċi Sindku li se jkun qed jibgħat imejl lill-GHRC biex tingħata korrispondenza sabiex il-Kunsill jingħata tali nformazzjoni.**

**27.4 Rapporti**

Ma Kienx hemm

**27.5 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

Is-Sindku ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bin-numru ta' referenza 12/25 li ġew iċ-ċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

**27.5.1 Wara mozzjoni mressqa min proponent Sindku Luke Farruġia u sekonda il-Kunsillier is-sur Joseph Scerri, il-kunsill approva unanimament il-ħlasijiet indikati fl-iskeda tal-pagamenti.**

**27.6 Item: NAO Report 2024**

Is-Sindku informa lill-Kunsill li kien mistieden fil-laqgħa l-Accountant tal-Kunsill sabiex jispjega r-rapport tal-NAO (Uffiċċju tal-Awditur Ġenerali ta' Malta), fejn spjega li kull referenza għall-Kunsill tal-Marsa tinsab fit-tabelli ppreżentati fir-rapport u li m'hemmx informazzjoni speċifika imniżżla direttament dwar il-Kunsill tal-Marsa

**27.7 Item: Jum il-Marsa**

Is-Sindku spjega li Jum il-Marsa se jkun organizzat nhar il-Ħadd, 18 ta' Jannar 2026, fejn ser issir Quddiesa fit-08:00 ta' filgħodu ġewwa l-Parroċċa ta' Marija Reġina. Wara l-Quddiesa, ser ikun hemm parata mill-iScouts, u wara jsegwi l-għoti ta' Ġieħ il-Marsa fis-sala ta' l-istess paroċċa, flimkien ma reċiviment żgħir għall-okkażjoni.

**Is-Sindku Luke Farruġia ppropona li l-Kunsill għandu jagħti ġieħ lil kull persuna nnominata, kif kien isir fi żmien il-leġislatura preċedenti.**

**Ittieħed vot dwar din il-proposta. Ivvutaw favur tlett (3) membri, s-Sindku Luke Farrugia, l-Viċi Sindku Josef Azzopardi u l-kunsillier Joseph Cachia, filwaqt li vvutaw kontra (3) membri, l-kunsillier Gloria Aquilina, l-Kunsillier Joseph Scerri u**

**l-kunsillier Dominic Spencer. Is-Sindku uża l-casting vote tiegħu, favur din il-proposta.**

**Għaldaqstant, il-persuni in-nominati li se jirċievu Ġieħ il-Marsa huma is-Sur Joe Aquilina, is-Sur Martin Calleja; Sorijiet Franġiskani Missjunarji ta' Marija; Dr Mary Attrad; Fr Anton Dimech; is-sur Edward Abela; is-sur Joe Debattista; is-sur Mevrick Zammit; is-sur Aaron Ciantar u is-Sur Norbert Attard.**

**27.8 Item: Triq Pedonali proposta quddiem il-Knisja Marija Reġina**

Is-Sindku spjega li fil-laqgħa preċedenti tal-Kunsill il-Kunsillier Dominic Spencer kien qajjem punt ġaladarba hemm il-ħsieb li iz-zuntier tal- Parroċċa Marija Regina ser jkun qed jinqala u issir rinovar tiegħu, il-Kunsill għandux jistaqsi lid-dipartiment ikkonċernat sabiex it-triq ta' quddiem l-istess Parocca issir Triq pedonali minn quddiem iz-zuntier sal-kantuniera lejn il-kazin tal-banda.

**27.8.1 Wara mozzjoni mressqa mill-proponent il-Kunsillier Dominic Spencer jekk għandiex issir Triq pedonali quddiem iz-zuntier tal-Paroċċa Marija Reġina.**

**Għaldaqstant din il-mozzjoni dwar il-proposta ta' Triq Pedonali quddiem iz-zuntier ta' Marija Reġina ġiet imwaqqa' għaliex il-kunsillier Dominic Spencer ma' kellux sekondat għall proposta imressqa.**

**27.9 Item: Clerical officer – Deċiżjoni tal-Bord tal-Intervisti**

Is-Sindku informa lill-membri tal-Kunsill li saret l-intervista għall-pożizzjoni ta' Clerk Officer, fejn il-membri vvutaw favur il-kandidata u ngħataw punti tajbin li wasslu għall-għażla tagħha. Għaldaqstant, talab l-approvazzjoni tal-membri tal-Kunsill sabiex il-kandidata magħżula mill-bord tal-intervisti tiġi ingaġġata.

**27.9.1 Wara mozzjoni mressqa min proponent Sindku Luke Farruġia u ssekondata mill-Viċi Sindku Josef Azzopardi l-membri tal-Kunsill ivvutaw kif indikat;**

**Tlett (3) membri ivvutaw favur, ħadd ma vvota kontra u żewġ membri astjenew.**

**27.10 Item: Tiġdid ta' 50% Leave ta' l-impjegati.**

Is-Sindku spjega li l-impjegati tal-amministrazzjoni tal-Kunsill għandom ammont ta' leave mis-sena 2025 u jixtiequ li 50% minnu jiġi trasferit għas-sena 2026.

**27.10.1 Wara mozzjoni resaq is-Sindku Luke Farrugia u ssekondata mill-Viċi Sindku Josef Azzopardi, il-Kunsill qabel unanimament it-trasferiment ta' 50% tal-leave tal-impjegati għas-sena 2026.**



Kunsill Lokali Marsa, Pont San Tumas, Marsa
*Email: marsa.lc@gov.mt* *Tel: 21220522 / 21224877*

**27.11 Item: Performance Appraisal – impjegati u Segretarju Eżekkuttiv**

Is-Sindku ressaq għall-approvazjoni tal-performance appraisal tal- impjegati u Segretraju Eżekkuttiv tal-membri tal-Kunsill.

**27.11.1 Wara mozzjoni mressqa mis-Sindku Luke Farrugia u ssekondata mill-Viċi Sindku Josef Azzopardi, il-Kunsill qabel unanimament li kemm l-impjegati kif ukoll is-Segretarju Eżekuttiv għandhom jintgħataw marka sħiħa għall-performance appraisal, fejn il-performance appraisal tas-Segretarju Eżekuttiv se jkun pro-rata mis-xahar li beda mal-Kunsill, mill-1 ta' Lulju 2025 sat-31 ta' Diċembru 2025.**

**27.12 Item: Deċiżjoni dwar il-ħlasijiet tal-permessi**

Is-Sindku Luke Farrugia spjega li preżentament qed ikun hemm abbuż mill-persuni mod speċjali mill-kuntratturi li japplikaw għall-permess ta' xogħol mal-kunsill u qed jintilfu ħafna flus. Għaldaqstant is-Sindku Luke Farrugia biex jinqata dan l-abbuż qed jiproponi li kull permess għandu ikun bil-ħlas.

27.12.1 **Mozzjoni ma saritx peress li ma kienx hemm sekondat u ġiet imwaqqfa.**

**27.13 Mozzjonijiet**

Ma kienx hemm

**27.14 Tmiem tal-Laqgħa u data tal-Laqgħa li jmiss:**

Il-laqgħa ntemmet fit-20:04 pm u ġiet aġġornata għall Ħamis 08 ta' Jannar 2026 fil-17:00 pm fil- bini amministrattiv tal-Kunsill.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Luke Farrugia | Roderick Ebejer |
| Sindku | Segretarju Eżekkuttiv |